

# "In-Niċċa tal-Madonna tad-Dawl fil-limiti ta' Ħal Kirkop" ... In-Niċċa li ntesiet

**Clifford Bonnici**

**Nota Editorjali:** F'dan l-artiklu, Clifford Bonnici ser jaqsam magħna tagħrif interessanti dwar niċċa partikolari li kienet tinsab fil-limiti ta' raħalna. Permezz ta' riċerki u materjal li rnexxielu jikseb minn diversi sorsi, dan l-artiklu ser jitfa' l-ħsibijiet tagħna lura għal żmien l-imgħoddi, żmien fejn l-inħawi li ħa jissemmew kienu ħafna differenti minn kif nafuhom illum. Ta' min ifaħħar il-ħeġġa ta' dan iż-żagħżugħ, li baqa' jfittex fil-fond sakemm fl-aħħar wasal għall-informazzjoni li ried. Fuq kollox, tagħrif storiku dwar raħalna li mhux daqshekk magħruf, jagħmel din ir-riċerka ferm aktar apprezzata.

## Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl f'Malta

F'din id-daqsxejn ta' gżira tagħna sa minn dejjem kien hawn qima u devozzjoni kbira lejn Sidtna Marija u wkoll lejn diversi qaddisin. Dan narawh fil-lokalitajiet kollha, speċjalment fil-perjodu sajfi meta jiġu ċċelebrati l-festi tant mistennija minn kulħadd. Però apparti dawn il-festi, kien hawn devozzjonijiet oħra lejn ċertu qaddisin jew titli Marjani, li avolja kienu iżgħar, xorta waħda daħlu mal-medda taż-żmien. Bosta minnhom ġibniehom minn drawwiet ta' pajjiżi oħra li spiċċaw sabu ruħhom ġo pajjiżna. Xhieda ta' dan nistgħu naraw numru konsiderevoli ta' kappelli u niċċeċ imxerrdin mal-ibliet u l-irħula Maltin. Dawn kienu jinstabu mħaffra ma' xi faċċata jew rokna antika ta' djar u rziezet, kif ukoll mibnija ġol-isqaqien qalb il-kampanja. Dan juri ħajja ta' qima u devozzjoni li missirijietna dejjem kellhom lejn Alla u l-qaddisin.




F'dan l-artiklu ser niffoka fuq id-devozzjoni li kien hawn lejn xbieha partikolari tal-Madonna magħrufa bħala 'Il-Madonna tad-Dawl'. Din id-devozzjoni nibtet ġo pajjiżna ftit qabel nofs is-seklu tmintax u saret tant b'saħħitha li bdejna naraw ċertu knejjes rurali jinbnew ad unur din ix-xbieha qaddisa. Bdew jiġu addottati wkoll numru ta' pitturi li tpoġġew sottotitular jew fl-artali tal-ġnub, kif ukoll artali oħra li ġew iddedikati għaliha. Fost dawn insibu altar fil-Knisja ta' San Ġakbu fiż-Żurrieq u ieħor fil-Kappella ta' San Mikiel fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, li t-tnejn jinsabu viċin ta' Ħal Kirkop.

## Il-Madonna tad-Dawl fil-limiti Koppin

Kull min jafni personalment jaf li nħobb ħafna l-istorja u dak kollu relatat magħha speċjalment fejn jidħol raħal twelidi. Ta' kull sena missieri jakkwista kalendarju li jiġi maħruġ mill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija ġewwa Ħal Luqa li jitratta numru ta' ritratti antiki ta' nħawi Ħalluqin. F'wieħed mill-kalendarji ta' sena partikolari jitfaċċa ritratt antik ta' tfajjel minn Ħal Luqa isuq ir-rota quddiem struttura tal-ġebel imsejjħa tal-'Madonna tad-Dawl'. Din kienet tinstab fil-periferija ta' Ħal Luqa u ta' Ħal Kirkop f'akwata magħrufa bħala tad-'Dawl'. Dak il-ħin bqajt niċċassa lejn dan ir-ritratt u moħħi mar fuq din iz-zona li tinsab erba' passi 'l bogħod minn fejn noqgħod, ħdejn akwata oħra magħrufa bħala tar-'Robba'. Qatt ma kont nobsor li kienet teżisti xi ħaga ta' din ix-xorti u bdiet ġejja kurżità kbira kif qatt ma smajt jew qrajt xejn relatat magħha, ħlief triq li għada teżisti sal-lum 'il ġurnata. Infatti din it-triq hija magħrufa bħala "Triq il-Madonna tad-Dawl" u tieqaf ħesrem għax imbagħad jibda l-mitjar. Sfortunatament ftit li xejn hawn nies ħajjin li jiftakruha peress li din twaqqet ftit qabel ma faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija ġewwa

pajjiżna. Madanakollu minn hemm u minn hawn inġabar biżejjed materjal biex seta' jsir dan l-artiklu. Kellna xorti tajba li wieħed mill-anzjani tar-raħal, Leonard Cassar (Nardu) magħruf bħala d-'Disgħa,' jiftakar din l-istruttura b'dettal tajjeb u għalhekk seta' jispjega eżatt kif u fejn kienet, kif ukoll ir-raġuni għala kellha titwaqqa'. Infatti bejn wieħed u ieħor, fiż-żmien li twaqqgħet hu kien għadu tfajjel ta' madwar tnax-il sena.

Minn hawnhekk ukoll bdejt nagħmel riċerka u rriżulta li din it-triq kienet tissejjaħ it-'Triq il-Qadima'. It-triq minn Ħal Luqa (illum ineżistenti) kienet twasslek għall-fetħa li mix-xellug kienet twasslek għal Ħal Kirkop u ż-Żurrieq u mil-lemin kienet tieħdok l-Imqabba u l-Qrendi. Bil-kontra, it-triq kienet tieħdok fejn il-ġibjun għal Ħal Luqa u Ħal Qormi, jiġifieri fejn illum hemm il-grawnd tal-futbol ta' Ħal Luqa. Minn din it-triq kienet tgħaddi tal-linja wkoll fid-direzzjoni lejn il-Belt u juri li dak iż-żmien kienet triq prinċipali. Irridu nżommu f'moħħna li l-mitjar u l-mina kienu għadhom ma jeżistux. Mir-ritratt wieħed jista' jara tabelli fuq kull ġenb tal-istruttura bl-ismijiet tal-lokalitajiet jagħtu d-direzzjonijiet. F'din it-triq dejqa li sserrep qalb l-għelieqi u l-barrieri f'dawn l-inħawi, kienet teżisti struttura tal-ġebel f'għamla ta' loġġa bi tliet arkati. Din l-istruttura kienet tinsab f'nofs it-triq u kienet eżatt tmiss mal-għalqa li hemm ġol-barriera li llum insibuha tal-'Piswi'.

Il-loġġa nbniet għall-ħabta tal-1741 fi żmien il-Gran Mastru Manuel Pinto de Fonseca, proprju meta kien laħaq Gran Mastru f'Jannar ta' dik l-istess sena. Skont Nardu, din kienet madwar għoxrin pied wiesa b'sitt piedi fonda u għolja biżżejjed li persuna ta' ċertu tul ma tilħaqx is-saqaf b'idejha. Stajt tidħol għaliha minn tliet entraturi, waħda minn quddiem u tnejn mill-ġnub. Il-loġġa kellha tliet arkati u fuqha fil-ġnub l-istatwi ta' San Pietru u ta' Sant'Andrija, kif ukoll salib tal-ġebel fin-nofs li jidher li mal-medda taż-żmien intilef. Fuq l-arkati kien hemm imnaqqxa l-arma tal-Granmastru Pinto biex turi li n-niċċa kienet inbniet waqt il-ħakma tiegħu. Ġewwa l-loġoġ kien hemm meqjuma l-ixbieha tal-Madonna tad-Dawl skolpita fil-ġebel. Din in-niċċa kienet tħares fid-direzzjoni ta' Ħal Luqa u kellha quddiemha lampier taż-żejt li kien dejjem jixgħel. Fiha kien hemm post ukoll fejn wieħed seta' jitfa' xi ħabbiet biex jagħmel tajjeb għaż-żejt. Għal għexieren kbar ta' snin kienu jieħdu ħsieb in-niċċa xi familji minn Ħal Luqa, fosthom ċertu wieħed Rafel Dalli u l-familja tiegħu, kif ukoll Feliċ u Natal aħwa Sammut.

Ipoteżi kurjuża hija dwar l-oriġini tal-ġebla ta' din in-niċċa. Jista' jkun li l-ġebel għal din il-loġġa kien inqata' mill-istess barriera li tinsab biswit tagħha? Fl-antik ma kellhomx il-mezzi li għandna llum u għalhekk kienet ħafna iktar diffiċli biex isir dan ix-xogħol. Nardu qal ukoll li hu minn dejjem jiftakar dik il-barriera, għalkemm ovvjament dan il-punt xorta ma jikkonferma xejn. Fl-istess ħin naraw ukoll li f'dawn iż-żminijiet din kienet tiġri ħafna li l-ġebel jittieħed minn sit viċin. Allura l-fatt li din kienet tmiss eżatt ma' barriera tista' tkabbar xi ftit din il-possibilità. Jekk xejn, f'zona b'konċentrazzjoni kbira ta' barrieri u bid-diffikultajiet biex iġġorr il-ġebla, ma nimmaġinax li l-ġebel ittieħed minn xi sit ferm 'il bogħod għajr mill-madwar.



***Il-Madonna tad-Dawl li kienet tinsab fin-niċċa. Din l-iskultura tal-ġebel miżbugħa, turi lill-Madonna li b'idha l-leminija qed terfa' ruħ minn ħalq l-infern u b'dik xellugija qed iżżomm lil binha Ġesù. Quddiem Ġesù hemm anġlu li qed iġorr ċistun mimli qlub tal-insara, li waħda waħda qed ikebbishom bl-imħabba. Żewġ anġli qegħdin ukoll iżommu kuruna fuq il-Madonna u fejn riġlejha hemm iħares lejha San Duminku. Din l-ixbieha llum tinsab fil-mużew tal-parroċċa ta' Ħal Luqa***

Informazzjoni interessanti ħafna hija li din il-loġġa, fl-1742, jiġifieri sena wara li nbniet, kellha użu ieħor apparti d-devozzjoni lejn din ix-xbieha tal-Madonna. Fil-wisa' ta' quddiem din il-loġġa kien isir xi taħriġ fl-armi neċessarju għas-sitt Kumpaniji tad-Dejma ta' Ħal Luqa, l-Imqabba u l-Gudja u kien jitmexxa mill-kurunell tar-reġiment. Ir-raġuni prinċipali għal dan kien biex ikunu preparati f'każ ta' xi attakk mill-għadu. Din il-binja kienet isservi wkoll biex dawn is-suldati tad-Dejma jkunu jistgħu jerfgħu l-affarijiet tagħhom u anki jistrieħu xi ftit.

L-inkwatru tal-Madonna tad-Dawl li kien jinsab fil-loġġa huwa nkwatru prezzjuż ħafna peress li




x-xbieha tal-Madonna hija skolpita ġewwa l-ġebla stess u hija ġebla waħda. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija, dan l-inkwatru ġie meħud ġod-dar ta' din il-familja Sammut minn Ħal Luqa li kienu jieħdu ħsiebu. Dan minħabba biża' li kien ser jintlaqat mill-bombi tal-għadu. L-arkati tal-ġebel u n-niċċa tneħħew mill-Militar Ingliż minħabba li ried jitkabbar il-mitjar. Nardu jiftakar ukoll li r-raġuni kienet minħabba li t-trakkijiet kbar tal-Ingliżi ma kinux iduru sew magħha huma u sejrin lejn l-Imqabba. It-triq kienet idjaq minn kif nafuha llum u din in-niċċa kien qiegħda relativament ittellef. Jingħad ukoll li l-ġebel tagħha b'xorti tajba ġie merfugħ x'imkien iżda fejn s'issa ma nafux. L-inkwatru min-naħa l-oħra baqa' miżmum privatament għal snin twal u baqa' devot man-nies li baqgħu jmorru jitolbu quddiem din ix-xbieha u jixgħelu ż-żejt. Maż-żmien dan l-inkwatru ntalab mill-Kappillan tal-istess lokalità u sab postu fil-Mużew tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa, il-post fejn għadu jinsab sal-ġurnata tal-lum.

Dan is-sit tant kien popolari man-nies għal din id-devozzjoni lejn il-Madonna tad-Dawl li anke f'ġurnal lokali jissemma. Fl-1930 fil-ġurnal *"Leħen is-Sewwa"*, insibu lil Mons. Gauci jikteb li f'Malta kienu jeżistu *"tliet bnadi prinċipali li kellhom il-qima tal-Madonna tad-Dawl, wieħed aħna u sejrin l-Imqabba jew iż-Żurrieq, f'salib it-toroq 'l hinn minn Ħal Luqa; Ħaż Żebbuġ u l-Imdina ftit 'il hawn mill-Knisja tal-Karmnu."*




***Dawn huma żewġ pjanti b'referenza ta' '100.165a' u '100.165b' li jagħtu aktar informazzjoni dwar in-niċċa. Fl-ewwel waħda jidher, b'marka ta' salib, is-sit eżatt fejn kien, u fit-tieni tidher il-faċċata u aerial view ta' din l-istruttura. Id-data ta' dawn iż-żewġ dokumenti hija l-10 t'Awwissu 1938***

Fl-1937, huwa interessanti l-fatt li kien sar rikors sabiex isir restawr tan-niċċa li jidher li kienet tinsab fi stat ħażin ħafna. Dan sar minn persuna li toqgħod Ħal Luqa u li kienet lesta tħallas għal dan ir-restawr. Però sfortunatament, din in-niċċa ġiet imneħħija mill-Militar Ingliż fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija peress li kif ġa għedna kienet qiegħda ttellef l-moviment tal-Militar.



***Il-post eżatt fejn kienet tinsab din in-niċċa***

**Konklużjoni**

Forsi wieħed qed jistaqsi kif dan is-sit li llum jinsab fil-konfini ta' Ħal Kirkop, kien jiġi kkonservat mill-Ħalluqin… u kif l-inkwatru ta' din in-niċċa spiċċa fil-parroċċa ta' Ħal Luqa u mhux f'ta' Ħal Kirkop. Meta mistoqsi dwar dan Nardu semma li sar-razzett tar-Robba, li tiġi qabel il-barriera tal-Piswi (u għalhekk eżatt qabel in-niċċa), kien jitbierek mill-Kappillan ta' Ħal Kirkop. Għaldaqstant, wisq probabbli minn hemm 'il quddiem kien jagħmel mal-Parroċċa ta'

Ħal Luqa. Nardu jsemmi wkoll li dak iż-żmien, ħafna aktar mil-lum, dawk l-inħawi ma kinux daqshekk definiti u għalhekk, possibilment, minn hemm kien jibda Ħal Luqa.

Jista' jagħti l-każ ukoll li r-residenti Ħalluqin kellhom rabta akbar ma' din-niċċa milli minn dawk Koppin, u forsi anke d-distanza għal dan is-sit setgħet kienet eqreb lejn Ħal Luqa milli lejn Ħal Kirkop. Fuq l-ewwel punt nistgħu nsemmu l-istatwa ta' Sant'Andrija fuq in-niċċa, u għalhekk ir-relazzjoni hija bla dubju akbar. Fuq it-tieni punt, huwa diffiċli tgħid fiċ-ċert peress li l-inħawi nbidlu drastikament bil-bini tal-mitjar. Biss meta tqis li saż-żmien li qed nitkellmu dwaru, Triq Santu Rokku f'Ħal Kirkop, li hija triq qrib iċ-ċentru tar-raħal, kienet magħrufa bħala *"taħt ir-raħal"*, jista' jagħti l-każ li s-sit kien ħafna aktar maqtugħ minn Ħal Kirkop milli kif inhu llum. Għaldaqstant, anke minħabba dawn ir-raġunijiet, jidher li maż-żmien din in-niċċa ntilfet mill-memorji tan-nies Koppin.

Ovvjament mal-bini tar-*runway* u l-mitjar inbidel kollox. Il-konfini ġew aktar definiti u parti mill-akwata magħrufa bħala tad-'Dawl' inqatgħet definittivament minn ma' Ħal Luqa. Il-ħasra hija li bħal dejjem dan l-iżvilupp ġie bi prezz għoli – dak li ntilef wirt storiku u kulturali. Għalhekk fl-aħħar mill-aħħar, illum kulma nistgħu ngħidu huwa biss li xi darba, fl-inħawi fejn illum jitqies fiċ-ċert bħala Ħal Kirkop, kien hemm loġġa antika b'niċċa devota ddedikata lill-Madonna tad-Dawl.

## Referenzi

Dan l-artiklu jkompli jibni fuq l-informazzjoni u d-dettalji li jidhru fl-artiklu bl-isem ta' "Il-Bidu u t-Tixrid tal-Kult Lejn il-Madonna tad-Dawl" ta' Carmen Lia, li deher fil-pubblikazzjoni "Programm tal-Festa Għaqda Mużikali Sant'Andrija Luqa" - Festa 2013

## Ħajr

Dan l-artiklu seta' jsir bl-għajnuna ta' dawn in-nies jew entitajiet, li mingħandhom ġibt l-informazzjoni, għenuni jew tawni l-kunsens li nuża ir-riċerka jew il-materjal tagħhom:

Carmen Lia; Għaqda Mużikali Sant'Andrija Ħal Luqa; Charles Attard; Angelo Schembri; Kappillan u Sagristan Parroċċa Sant'Andrija Ħal Luqa; Heritage Malta; Philip Bonnici; Simon Attard; Leonard Cassar (Nardu d-disgħa) u Nardu Vella

Nirringrazzjakom mill-qalb.